# ĠANNINU CREMONA +28-02-2019

*(L-awtur tal-kliem tal-innu marċ)*

*Kitba ta' Mons. Lawrenz Sciberras*

L-innu l-aktar popolari, l-aktar li jitkanta b'entużjażmu u l-aktar li jinżel għasel lilna n-nies ta' Sannat speċjalment matul jiem il-festa, l-innu li jiftaħ u jagħlaq il-bieb tal-festa huwa l-kliem tal-innu marċ "F'dan il-jum ta' ferħ u festa." Naturalment mal-kliem hemm ukoll il-mużika tant ħelwa u allegra li tkompli tinseġ, tferraħ u tkabbar il-ferħ tal-jiem tal-festa. Mur u ddoqqx dan l-innu marċ ħalli tkun taf kemm il-festa ta' Santa Margerita tkun nieqsa minn parti qawwija ħafna! F'dan l-artiklu qasir ser nikteb dwar l-awtur tal-innu marċ, li huwa Ġanninu Cremona mir-Rabat, eks għalliem għal bosta snin hawn f'ta' Sannat. Dan Ġanninu miet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex nhar il-Ħamis 28 ta' Frar 2019 fl-età sabiħa ħafna ta' 92 sena.



**Innu lil Santa Margerita**

**Li ser jindaqq l-ewwel darba fil-Marcijiet tal-Festi Centinarji**

F'dan il-jum ta' ferh u festa,
Qima u ġieh aħna naghtuk,
Vergni u martri Margerita
Fuq kulhadd aħna nhobbuk;

Ghaliex Alla lilek għażlek
Sabiex tkun patruna tagħna,
Fost il-martri fost il-vergni,
Inti kbira u setgħana.

Margerita inti warda,
Gmielek jghaxxaq il-ħolqien,
Int ħamiema bajda u sbejha,
Int iż-żina ta' kull żmien.

Mas-salib ta' Kristu mdemma,
Int tgħannaqt fl-ehrex tbatija,
F'wicc il-mewt f'wicc it-tiranni,
Sur ta' qawwa u qlubija.

Margerita l-ħlewwa t'ismek,
Daqs ta' l-arpi jdoqq f'widnejna,
X hin narawk quddiemna jaqbeż,
Dmugħ ta' ferh fi xfar għajnejna,

*Irregalat lill-Kumitat mis-Sur Wenzu Xiberras. (Teacher)*

*Versi tas-Sur John Cremona*

*Muzika ta' Maestro Vincenzo Ciappara.*

**Futur sod ghalik u ghall-Familja**

**L-A. & V. S. P.**

**Jaghtik sigurezza zgura, tfaddil serju u pensjoni garantita.**

**Irrikorru ghand:**

**JOHN PORTELLI ENTERPRISES**

**114, Racecourse Street, Victoria, Gozo.**

ORPHANS' PRESS. Ghajnsielem, Gozo.

*Kopja tal-ewwel fuljetti tal-innu marċ.*

## Sena ċentinarja

Bil-ħsieb tagħna rridu nimxu lura 51 sena ilu, meta dakinhar il-parroċċa ta' Sannat kienet qed tipprepara festi speċjali biex tfakkar l-ewwel ċentinarju mill-konsagrazzjoni tal-knisja; liema konsagrazzjoni kienet saret mill-Isqof Alpheran de Bussan fis-sena 1868. Kien ukoll f'din l-okkażjoni tant speċjali għalina n-nies ta' Sannat meta għall-ewwel darba ġiet fostna r-relikwija tar-ras tal-patruna tagħna Santa Margerita. Dak iż-żmien l-Arċipriet kien Dun Ġorġ Debrincat wieħed mill-kompajżani tagħna.

Xejn mhu faċli tiddeskrivi l-ferħ li ħassew missirijietna meta waslet fostna din ir-relikwija insinji tant maħbuba u għażiża għalina. Dan seta jseħħ grazzi għat-tħabrik li kienu tant għamlu l-Arċipriet Sannati Dun Ġorġ Debrincat u Dun Anton Bajada. Kienu saru tassew festi kbar l-aktar għal dak iż-żmien. Jakkumpanja din ir-relikwija kien ġie Mons. Osvaldo Belardi l-Vigarju Ġenerali ta' Montefiascone. Illum b'xorti tajba, hawn numru ta' Sannatin li marru wkoll fil-katidral fejn hemm din ir-relikwija tar-ras ta' Santa Margerita u rnexxielhom jerġgħu jarawha, ibusuha u jgħannquha magħhom!

Fost l-opri li saru għal dik l-okkażjoni speċjali, opri li għadhom tant ħajjin u qawwijin fostna sal-lum, kien sar l-innu marċ: kliem ta' Ġanninu Cremona u mużika ta' Vinċensu Ciappara mir-Rabat ta' Malta. L-idea għal dan il-marċ bi probabbiltà kbira ħarġet minn moħħ Dun Anton Bajada. U billi flimkien miegħu bħala għalliem fl-iskola primarja tagħna kien hemm ukoll is-Sur Ġanninu Cremona, allura Dun Anton dar fuqu u talbu biex jiktiblu innu ad unur ta' Santa Margerita V.M.



*Ġanninu t-tieni wieħed mil-lemin*

Issa hawn ta' min iżid jgħid li dan Ġanninu kien diġà kiteb ukoll il-versi tal-innu marċ ta' Santa Marija li jibda hekk: "Għawdex kollu tbiddel f'ġenna." Naturalment ta' ħbieb li kienu Ġanninu li kiteb tant u tant poeżiji matul il-bqija ta' ħajtu, kien ukoll attur u drammaturgu, lil

Dun Anton Bajada ma setax jgħidlu le. Tant li ftit wara li saret it-talba formali, dan Ġanninu ġab il-manuskritt tal-innu li aħna bir-raġun kollu tant inħobbu u nkantaw mill-qalb.

**Għalliem f'raħalna**

Għal bosta u bosta snin dan Ġanninu kien iservi ta' għalliem fl-iskola primarja tagħna. Miegħu kien hawn ukoll ħuh Ċikku. It-tnejn li huma kienu jiġu għax-xogħol flimkien bil-karrozza ta' Ċikku. Dakinhar l-iskola kienet għadha fi Triq il-Kbira. Il-laqam tagħhom kien Tal-Kaptan. Dan għaliex il-bużnannu ta' Ġanninu kien marixxal il-qorti u dakinhar il-marixxal kienu jsejħulu kaptan. Dan niftakru sew għaliex għaddejt minnu jiena stess. Dan Ġanninu billi kien imdorri jtella' diversi fares, drammi u logħob ieħor fuq il-palk fl-Oratorju Don Bosco r-Rabat, allura meta kien jasal żmien il-Milied dan Ġanninu kien jaħdem ħafna biex itella' kunċert tal-Milied bit-tfal tal-iskola tagħna. Hawn issa qegħdin immorru aktar 'il bogħod, aktar minn 63 sena ilu. U billi fl-iskola ta' Sannat ma kienx hemm la sala u lanqas palk, allura dejjem bil-permessi meħtieġa dan Ġanninu kien iniżżel lit-tfal subien u bniet u jippruvalhom fis-sala hekk imsejħa dakinhar iċ-Ċirklu tal-Azzjoni Kattolika isfel. Anzi ġieli kien iġib miegħu dak li jkun meħtieġ, bħalma huma ħwejjeġ, kostumi kif ukoll oġġetti oħra meħtieġa għar-reċti li jsiru fuq il-palk. Grazzi mill-qalb Ġanninu ta' dan kollu. Hekk kont tgħallem lit-tfal tagħna kif ikunu altruwisti u joħorġu aktar il-karattru tagħhom.

*Għannejtlek Madonna*

Għannejtlek Madonna f'kull żmien għanjiet sbieħ,
Minn meta kont tfajjel sal-lum raġel xiħ.

Għannejtlek minn qalbi għanjiet ta' foħrija,
Għext miegħek qalb waħda kull jum f'poeżija.

Għannejtlek fin-niket għannejtlek fil-ferħ,
Il-versi tat-tama tal-paċi u s-serħ.

Għannejt ismek ħlejju fil-bikri tal-jum,
Għannejtu fl-għaxija fit-talb ta' kull jum.

Faħħartek bil-versi mirquma f'kull ħin,
Minsuġa man-noti ħelwin tal-vjolin.

Faħħartek u għollejtek kemm flaħt, kif naf jien,
Sebbaħtek, pinġejtek mudell tal-ħolqien.

Xebbaħtek mal-bjuda tal-qamar silġija,
Li jdawwal is-sema fl-iljieli sajfija.

Xebbaħtek mas-sema f'Awwissu sabiħ
Mas-safa ta' l-anġli f'kull ħin jagħtuk ġieħ.

Xebbaħtek mal-baħar madwar ix-xtut tagħna,
Li jgħanni b'mewġietu kemm inti setgħana.

Ilmaħtek qalb l-anġli u l-kbar qaddisin,
Fuq tron għalik waħdek ħdejn Ibnek ħanin.

U rajtek imlibbsa b'kuruna dehebija,
Sultana u Reġina tas-saltna smewwija.

Ħabbejtek u għannejtlek dan l-għana sabiħ,
Biex ismek infaħħar ngħollik, nagħtik ġieħ.

Nitolbok Madonna biex tilqa' l-foħrija,
Li tfawwar minn qalbi kull jum f'poeżija.

U meta l-pinna ma żżommx ġewwa jdejja,
U jibda jiċċajpar id-dawl ta' għajnejja,

Sakemm tibqa' tħabbat il-qalb ġewwa fija
Tkun qiegħda tiktiblek fis-skiet poeżija.

U tibqa' tgħannilek sa l-aħħar bla kliem,
Dik l-għana ta' mħabba fir-raqda tas-sliem.

*Ġanninu Cremona - 30.06.2007*



B'tifkira għażiża ta'

**ĠANNINU CREMONA**

mir-Rabat Għawdex
li ħalla din id-dinja
fit-28 ta' Frar 2019
fl-għomor ta' 92 sena.

Jibqa' mfakkar b'għożża u mħabba
minn martu Giorgia,
in-neputijiet fosthom
Mons. Giovanni B. Cremona,
ħut martu
fosthom Dun Carmelo Sacco S.D.B.,
is-Soċjetà Filarmonika Leone,
qraba u ħbieb.

*Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*

**L-innu marċ**

Wara li Ġanninu lesta l-kitba ta' dan l-innu u qrawh dawk li kienu kkummissjonawh u naturlament għoġobhom sew, kien imiss il-kompożizzjoni tiegħu. F'dawk is-snin is-surmast l-aktar imsemmi u jinqala' għal din il-kwalità ta' kompożizzjonijiet kien Vinċensu Ciappara mir-Rabat ta' Malta. Dan is-surmast ukoll għamel ħiltu kollha biex jikkomponi bl-isbaħ noti u armonija possibbli biex dan l-innu marċ ikun milqugħ, mogħġub u jista' faċilment jitkanta. L-ispejjeż ta' dan il-marċ kien ħallashom kollha s-Sur Wenzu Sciberras li kien ukoll għalliem. Grazzi mill-qalb lil dan il-benefattur li sal-lum għadna ngawdu dak li huwa ħallas għalih.

Issa kien jonqos forsi l-aktar parti diffiċli, jiġifieri li wieħed jitgħallem kemm il-kliem kif ukoll kif jitkanta. Hawn ta' min ifakkar ukoll, li meta joqrob ix-xahar ta' Lulju, kien jiġi hawn ta' Sannat naturalment diversi drabi s-Surmast Nazzarenu Refalo mix-Xagħra biex jgħallem iż-żewġ innijiet li jitkantaw, dak bit-Taljan, "Giovannette" u l-ieħor bil-Malti "Ward u Kant", versi ta' Mikiel Apap. Il-baned li jdoqqu dawn l-innijiet kienu dejjem l-istess tnejn. Il-banda La Stella kienet iddoqq lejlet u nhar il-festa l-innu "Giovannette" u l-banda Victory tax-Xagħra kienet iddoqq l-innu "Ward u Kant" fil-pjazza tax-Xelina dejjem waqt il-purċissjoni.

Issa billi dan kien innu ġdid u saret insistenza qawwija biex jitgħallmuh mhux biss it-tfajliet imma kulħadd, allura l-ewwel provi ta' tagħlim bdew isiru fil-bitħa tal-iskola primarja tagħna. Il-kliem flimkien mal-mużika tal-innu marċ intogħġbu sew, tant li bilmod il-mod beda jitkanta min-nies ukoll, kif fil-fatt għadu jsir sal-lum. Din hija opra ħajja li kienet, għadha u ser tibqa' ħajja sakemm tibqa' tiġi ċċelebrata l-festa tal-patruna tagħna Santa Margerita.

Grazzi għalhekk lil kull min ħadem u stinka biex f'raħalna jkollna dan l-innu marċ. Innu li tant iqajjem entużjażmu hekk kif wieħed jisma' l-ewwel noti tiegħu. Fuq kollox grazzi mill-qalb lil Ġanninu Cremona l-awtur ta' dan l-innu għaliex hekk imtela vojt li tant kien jinħass matul jiem il-festa. Hawn inkompli nżid li Ġanninu għal dan l-innu ma kien ħa ebda forma ta' rikompens, imma offrieh rigal lil Santa Margerita. Grazzi mill-ġdid.

Fil-fatt il-festi jinbdew bid-daqq u l-kant ta' dan l-innu u jagħlqu wkoll dejjem bl-istess innu marċ.